



## Il-Bażilika Mostija - Vetrina b'diversi opri tal-Arti

*Is-Sur Raymond Saliba*

Il-knisja parrokkjali tal-Mosta hi magħrufa sewwa għal binja munumentali tagħha, Rotunda mdaqqsa li tixhed ħila kbira fis-sengħa tal-kostruzzjoni u li tirrendiha waħda mill-binjiet arkitettoniċi mill-aktar importanti fil-gżejjer maltin. Għalkemm id-daqs fiżiku tagħha jieħu impronta fuq l-esekuzzjoni arkitettonikament fidila, però kollox ma kollox, dan il-maqdes jibqa' bini sagru sinifikanti, li jiġbed lejh eluf ta' viżitaturi. Iżda dan ma jistax inessi li fil-kumpless tar-Rotunda hemm ukoll bosta opri tal-arti sinifikanti, li mhux dejjem huma apprezzati biżżejjed għal valur storiku u artistiku tagħhom. Hawn ser nelenkaw ftit ħsibijiet dwar uħud minn dawn it-teżori.

Din il-knisja tippossedi opri tal-arti f'diversi *mediums*: irħam; injam; tessuti; pittura u metalli varji. Bosta minn dawn saru speċifikament għall-użu liturġiku, filwaqt li oħrajn kienu intiżi bħala parti mill-iskema dekorattiva. Ikopru stili differenti, skont l-eżiġenzi tal-perjodu meta jkunu saru. Bosta minn dawn ix-xogħlijiet saru minn artisti u artiġjani lokali, però hemm ukoll opri oħra li saru minn artisti barranin, uħud minnhom magħrufa sewwa.




*Irħama sepulklari ta' Ġan Battist Mifsud*

Nibdew b'xogħol fl-irħam. Jispikkaw uħud mill-artali, speċjalment dak tal-kor, li jinkludi bosta tipi ta' rħamijiet polikromi. Xogħol interessanti hu dak b'rabta ma' lapidi sapulklari li jinsabu, flimkien ma' diversi musulej, madwar il-kappelli laterali. Dan jinkludi kapaċitajiet artiġjanali fl-intarzjar, apparti mid-disinn ġenerali.

Bħala xogħol ta' karpintrija nelenkaw bosta għamara ekkleżjastika li saret bejn is-sekli XVIII u XIX. Fost dawn jispikkaw is-sedji tal-kor u l-kaxxarizzi tas-sagristija. Jispikkaw għall-esuberanza tad-disinn u l-iskultura, is-sodda ta' Kristu mejjet li jintuża matul il-purċissjoni tal-Passjoni, flimkien mal-kwadretti tal-Via Sagra. Dawn it-tnejn saru f'nofs is-seklu XX minn Antonio Agius. Xogħol ieħor sabiħ li jinkludi wkoll ornamentar fil-bronż, huma l-pulptu u l-bankun tal-vara titulari. Hemm ukoll bosta statwi proċessjonali, li l-aħjar fosthom hi dik tal-Madonna tar-Rużarju, minquxa minn Pietru Pawl Zahra fl-1742.

L-aktar opri artistiċi sinifikanti jinsabu bħala pittura fuq it-tila. Xogħol lokali jinkludi kwadri tal-artali mpittra minn Stefano Erardi u diversi artisti tal-perjodu tan-Nazzareni jew Romantiċi. Jispikka dak ta' Ġużeppi Calì, fejn il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju hu wieħed mill-bikrija tiegħu, flimkien mad-dekorazzjoni pittorika tat-tambur tal-koppla. L-aktar opri importanti però huma l-kwadri minn artisti barranin. Ta' kwalità tajba ħafna huma l-par kwadri li juru lil Sant'Agata u lil Santa Luċija, li kienu mpittra minn Massimo Stanzione, artist tal-iskola Naplitana. Kwadru ieħor ta' livell tajjeb hu dak tal-Addolorata, xogħol Taljan tas-seklu XVII tard, jew bidu tat-XVIII. Ġojjel ċkejken hu l-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu, impitter minn Luigi Fontana fis-seklu XIX.

Naturalment, dawn huma biss ftit mill-ħafna oġġetti artistiċi li nsibu f'din il-knisja. Hemm ukoll paramenti sagri bħala tessuti u numru mdaqqas ta' metalli, speċjalment bħala utilensi sagri tal-fidda. Ikun f'waqtu li diversi oġġetti msemmija, jinġabru f'mużew parrokkjali.